**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 31 ta' Mejju, 2017**

**Avviz Numru: 341/05 MLF**

**Portelli & Brincat Ltd.**

**vs**

**Joseph Demajo u Teresita konjugi Demajo u b'digriet datat 1 ta' Settembru, 2014 l-atti tal-mejjet Joseph Demajo gew trasfuzi f'isem il-konvenuta Tereza sive Teresita Demajo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsuha s-somma ta' elfejn tmien mija erbgha u tletin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm2834.44), ammont dovut mill-konvenuti, rapprezentanti prezz ta' materjal u xoghol illi sar mis-socjeta' attrici fuq ordni taghhom fid-dar taghhom, u dana skond fattura gia fil-pussess taghhom, annessi u mmarkati bhala Dokument PB1 u PB2.

Bl-imghax mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-5 ta' April, 2005, kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi: -

(1) Illi, preliminarjament il-konvenuta Teresita Demajo mhix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u inoltre bejna u bejn il-konvenut l-iehor ma tezistix il-komunjoni tal-akkwisti.

(2) Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici stante illi l-ammont mitlub minnha mhuwiex dovut u dan peress illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u lanqas kien komplut, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt il-mori tal-kawza.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2006 il-konvenuti rtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**<u>Il-Fatti</u>**

Hemm divergenza kbira bejn il-versjoni tal-fatti tas-socjeta attrici u l-versjoni tal-fatti tal-konvenuti, u ghalhekk se jigu riprodotti in succinct iz-zewg verzjonijiet.

*<u>Il-Verzjoni tal-Konvenuti</u>*

1. Il-konvenuti kienu nkarigaw lil certu Joe Sammut ta' Joseph Sammut Co. Ltd. bhala kuntrattur sabiex jaghmlilhom xi xogholijiet fid-dar taghhom gewwa 25, Triq Natalie Poutiantin Tabone, Sliema. Joe Debono kien il-*quantity surveyor and progress manager* li kien jissorvelja x-xogholijiet, flimkien ma' Renzo Borg Grech, li kien id-

*design consultant.* Dan tal-ahhar kellu r-responsabbilita' principali li jiddisinjalhom is-suffitti.[1]

2. Il-kuntrattur Joe Sammut kien qabbad lis-socjeta' attrici sabiex jahdmu x-xoghol ta' suffitti tad-dar kollha tal-konvenuti, kif ukoll id-divizorji tal-banjijiet. Kien qabbad din is-socjeta' fuq suggeriment ta' Joseph Debono, li kien il-*quantity surveyor*[2] u kienu ftiehmu li tinghatalhom stima u bdew jahdmu fid-dar tal-konvenuti.[3]
3. Is-socjeta' attrici ma kinitx tinkariga l-impjegati taghha biex taghmel ix-xogholijiet ta' *gypsum* u *partitioning,* izda kienet tqabbad subappaltaturi.[4] Skond il-konvenut, il-problemi inholqu, ghaliex is-socjeta attrici ma nkarigatx sub-appaltatur wiehed biex jaghmel ix-xoghol fir-residenza taghhom, izda kienet tibghat subappaltaturi differenti, ghalhekk ma kienx hemm kontiniwita' fix-xoghol. Il-konvenut jghid illi l-haddiema gieli gew jaghmlu x-xogholijiet ghal gimgha u mbaghad kienet tghaddi gimgha ohra u ma jitfaccawx, jew addirittura kien jitfaccja xi haddiehor gdid. Skond il-konvenut, hafna drabi, in-nies li kienu jigu kienu zghar u bla esperjenza jew addirittura kienu jigu u lanqas kienu jkunu jafu x'kellhom jaghmlu. Qatt ma kienu jkollhom istruzzjonijiet.[5]
4. Minhabba dan in-nuqqas ta' koordinazzjoni da parti tas-socjeta' Portelli & Brincat, bdew jaqghu lura f'xogholhom il-haddiema l-ohra.[6]
5. Finalment, l-konvenut ttermina l-inkarigu tas-socjeta attrici, u qabbad minflok appaltatur iehor, Silvio Calleja – li inzerta ukoll hadimlu ghal xi zmien bhala sub-appaltatur tas-socjeta attrici – sabiex jittermina l-appalt. Il-konvenut jghid li x-xoghol li ghamlet is-socjeta attrici ma kienx skond l-arti u s-sengha, u kellu hafna difetti.
6. Il-konvenut u x-xhieda prodotti minnu jghidu li Silvio Calleja kellu jerga' jiksi s-soqfa tal-kmamar tas-sodda, ghax kien kollu mhaffrin. Kien hemm saqaf li kien ghadu bla gypsum u kellu jinbidel il-frame tal-hadid. Meta gew biex jarmaw is-settijiet tal-kamra tal-banju, indunaw li fis-saqaf tal-*main bathroom* kien hemm pulzier u nofs falz u ghalhekk kellha ssir *bulkhead* kbira. Il-hajt tal-banju ma kienx sar parallel mal-hajt tal-gebel, izda dan ma ttrangax ghax kien ser ikollhom jaqilghu il-madum tal-

[1] Ara xhieda a fol. 21 tal-process.
[2] Ara xhieda a fol.33 tal-process.
[3] Ara xhieda a fol.31 tal-process, kif ukoll Dokumenti PS1 – PS 4 esebiti a fol.47-52 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Renzo Borg Grech a fol.25 tal-process, xhieda ta' Joe Demajo a fol.21 tal-process, xhieda ta' Silvio Calleja a fol.27 tal-process
[5] Ara xhieda a fol.21/22 tal-process.
[6] Ara xhieda a fol.21 tal-process.

kamra tal-banju b'kollox. Kellu ukoll jisstokkja u jixxkatla mill-gdid l-*partitions* tal-ensuite.[7]

<u>*Il-versjoni tas-socjeta attrici*</u>

7. Paul Sammut, li dak iz-zmien kien manager tas-socjeta attrici, xehed li s-socjeta attrici dejjem baghatet l-istess zewg subappaltaturi, Mark Tanti u Mario Azzopardi, biex jahdmu fid-dar tal-konvenut. Huwa jghid li x-xoghol tal-gypsum dam minhabba d-dewmien tal-kuntratturi l-ohra li kienu qed jahdmu fl-istess hin fl-istess dar. Il-haddiema li kienu qed jaghmlu l-*plumbing,* kienu damu, meta beda x-xoghol fuq is-soffitti, sabu li kien hemm xi *air conditioners* li ma kinux imwahhlin, kif ukoll xi xoghol iehor li ma kienx ghadu mghoddi fis-saqaf u ghalhekk dan kollu bghathom lura fix-xoghol. Meta is-subappaltaturi ma setghux jahdmu minhabba li x-xoghol tal-haddiema l-ohra jkun ghadu mhux lest, kienu jitilqu sakemm il-haddiema l-ohra jkunu lestew.[8]
8. Paul Sammut jghid li kienu lestew tlett kwarti tax-xoghol u li huma kienu thallsu biss ghal xoghol li sar fil-kamra tal-banju, li ma jifformax il-meritu ta' dawn il-proceduri. Jghid ukoll li kienu jiltaqghu fil-post tal-konvenuti mad-*designer* biex jitkellmu dwar kif kellhom jimxu bix-xogholijiet, pero' jsosnti li d-*designer* qatt ma kien tahom pjanti.[9] Paul Sammut jilmenta ukoll li meta kienu qed jahdmu fid-dar tal-konvenuti, qatt ma kienu semmewlu xi lmenti li kellhom u li d-*designer* qatt ma kien indikalu xi zball jew xi nuqqasijiet.[10]
9. Paul Sammut jghid li kien inkariga lil Silvio Calleja, bhala subappaltatur, biex jahdem ukoll fid-dar tal-konvenuti, fuq insistenza tal-konvenut li ried li x-xoghol jithaffef. [11]
**10.** Paul Sammut jghid ukoll, li wara li l-konvenut itterminalu l-kuntratt, kien hareg il-kont li kien ghad hemm pendenti[12], u li hu l-mertu tal-kawza odjerna.

---

[7] Ara xhieda a fol.28/29 tal-process.
[8] Ara xhieda a fol. 42 tal-process.
[9] Ara xhieda a fol.42/43 tal-process.
[10] Ara xhieda a fol.45 tal-process.
[11] Ara xhieda a fol.- 22 tal-process.
[12] Ara Dokument PB1u 2 esebiti a fol.2 u 3 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet fil-Meritu**

La darba l-ewwel eccezzjoni giet irtirata, il-kwistjoni li trid tigi deciza minn din il-Qorti hi biss wahda fil-mertu. Id-decizjoni ta' din il-Qorti tiddependi mill-provi prodotti mill-partijiet u mill-kredibilita tax-xhieda.

Il-partijiet kienu qablu li ghandha issir l-inversjoni tal-provi[13], u ghalhekk l-oneru tal-prova li x-xoghol li ghamlet is-socjeta attrici ma kienx skond l-arti u s-sengha kien jispetta lill-konvenuti.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta attrici issottometta li l-konvenuti ma ressqux l-ahjar prova sabiex jissostanzjaw din l-eccezzjoni taghhom. Huwa jissottometti li gialadarba l-konvenuti qed jallegaw li ma kinux soddisfatti bix-xoghol tas-socjeta attrici, huma kellhom iqabbdu perit biex jiddentifika n-nuqqasijiet, jara kemm hi l-ispiza biex jittrangaw dawn in-nuqqasijiet u mbaghad din l-ispiza titnaqqas mill-prezz pretiz mis-socjeta attrici.

Fl-opinjoni tal-Qorti, is-sottomissjoni tas-socjeta attrici hija wahda fondata. Apparti x-xhieda tal-konvenut, ix-xhieda l-ohra prodotti mill-konvenuti kienu Silvio Calleja, li issostitwixxa lis-socjeta attrici, u ghalhekk kellu kull interess li jmaqdar ix-xoghol li sar minnha, u l-kuntratturi l-ohra li kien qabbad il-konvenut, cioe' Renzo Borg Grech, Joe Debono u Joseph Sammut, li t-tlieta kienu qabblu li jqabbdu lis-socjeta attrici biex taghmel ix-xoghol tal-gypsum, u ghalhekk, la darba il-konvenut, il-klijent taghhom, ilmenta mix-xoghol tas-socjeta attrici, kellhom kull interess jikkorroboraw l-allegazzjonijiet tieghu, sabiex il-konvenut ma jdurx kontrihom talli taw l-appalt lis-socjeta attrici.

L-allegazzjonijiet tal-konvenut u tax-xhieda prodotti minnu ghalhekk certament, fic-cirkostanzi ma tikkostitwixxix l-ahjar prova. L-inqas haga li setghu jaghmlu l-konvenuti, hu li jiehdu r-ritratti tal-allegati difetti sabiex ghall-inqas jigu kkonstatati minn din il-Qorti, u jekk ikun il-kaz tahtar espert tekniku biex janalizzahom. Ghalkemm l-ahjar prova kienet tkun dak li s-sottomettiet is-socjeta attrici, u cioe' li l-konvenuti jqabbdu perit biex jikkonstata dawn l-allegati difetti, u jistma' l-ispiza li l-konvenuti riedu jinkorru biex jirrangawha. Anki jekk ghall-grazzja tal-argument, kien hemm xi difetti fix-xoghol tas-socjeta attrici, dan ma

[13] Ara verbal fis-seduta tal-1 ta' Frar 2006 a fol. 13 tal-process.

jfissirx li s-socjeta attrici ma ghandhix tithallas xi ammont ghal xoghol li ghamlet skond l-arti u s-sengha.

Pero', fl-istat tal-provi li hu, din il-Qorti certament ma tistghax tikkonkludi lanqas sal-grad tal-probabbli, jekk kienx hemm difetti, u jekk ghall-grazzja tal-argument kien hemm difetti, kemm kellha tkun l-ispiza biex dawn id-difetti jigu rimedjati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta;
2. tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta,
3. tilqa' t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' sitt elef sitt mija u zewg Euro u seba' u erbghin centezmu (€6602.47) ekwivalenti ghal elfejn tmien mija erbgha u tletin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm2834.44), bl-imghax mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-5 ta' April, 2005, kontra l-konvenuta.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**